MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 781/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**ELAINE RAPINETT**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Elaine Rapinett ta' 21 sena, imwielda Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Frar, 1984, bint missier mhux maghruf u Carmen Rapinett, residenti fil-fond numru 97, Triq Cameron, Gzira, detentrici tal-karta tal-identita' numru 115684 (M);

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula f'risoluzzjoni wahda, ghad li ma kinitx wahda mill-persuni msemmija fil-

paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awturi, u cioe' lil Lorita Pace, u/jew lil Alberta Pace, u/jew persuni ohra mhux maghrufa, fil-kommissjoni ta' whud minn sensiela ta'delitti ta' serq u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati u/jew ikkunsmati, u cioe':

1. Fl-4 ta' April, 2005, ghall-habta ta' nofsinhar, f'serqa ta' scratch cards, minn St Francis Grocery fi Triq Villambrosa, Hamrun;

2. Fil-5 ta' April, 2005, ghall-habta tan-1230hrs, f'serqa ta' kartiera bi flus u xi dokumenti minn Anici Pharmacy, fi Triq Anici, Qormi;

3. Fl-10 ta' April, 2005, ghall-habta tas-7.30pm, f'serqa ta' flus u xi oggetti ohra minn The Best Pastizzeria fi Triq Manwel Magri, Hamrun;

4. Fl-20 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas-6.30pm, f'serqa ta' xorb alkolholiku minn Jumbo Cash & Carry fi Triq il-Hlas, Qormi

5. Fis-27 ta' Gunju, 2005, f'serqa ta' zewg cameras tar-ritratti li l-valur ma jaccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), minn Old Trafford Stationery, fi Triq l-Arznell, Marsaxlokk;

6. Fid-9 ta' Lulju, 2005, ghall-habta tas-6.15pm, f'serqa ta' flus mill-S&M Supermarket fi Triq it-Tamar, Qawra;

7. Fit-18 ta' Lulju, 2005, ghall-habta tas-2.30pm, serqa ta' arloggi u xi affarijiet ohra mill-Caravaggio Souvenir Shop, fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba;

8. Fis-27 ta’ Awissu, 2005, ghall-habta ta’ 12.15pm, serqa ta’ flus minn Gucal Store, Triq Antonio Sciortino, Msida;

9. Fit-2 ta’ Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.15pm, serqa ta’ flus u cekkijiet mill-Pillbox Pharmacy, fi Triq il-Bjad, Naxxar, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

10. Barra minn hekk akkuzata wkoll talli fl-14 ta’ Gunju, 2005, ghall-habta tan-12.30pm, mill-Maypole Confectionery fi Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, ikkommettiet serq ta’ xorb alkolholiku;

11. U iktar talli fit-30 ta’ Gunju, 2005, u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat u cioe’ mobile phones;

12. U iktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recediva *ai termini* tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstabet hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

13. Kif ukoll talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li kien gie mpost fuqha b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 15 ta’ Frar, 2005, liema sentenza saret definittiva

14. U finalment talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, b’sentenza datata 30 ta’ Gunju, 2005, fejn l-istess Elaine Rapinett kienet

misjuba hatja u giet ikkundannata sentejn (2) prigunerija sospzizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti:

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, fl-istadju tal-ezami tal-istess imputata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 261 *et seq*, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja u tikkundannaha ghal perjodu ta' prigunerija ta' sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-*Probation, ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll lill-imputata thallas is-somma ta' mitejn u tletin lira maltin (Lm230.00), lil George Abela fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------